# MINUTI

## Is-sitt Kunsill - SEDUTA Nru. 21

Il-Hamis, 9 ta' Lulju, 2009

Il-Kunsill Lokali tal-Belt Valletta ltaqa' fl-Ufficcju tieghu, 31 Triq Nofsinhar, fil-5.00 p.m.

Is-Sindku, Dr. Alexiei Dingli ippresieda.

**PREZENTI**

Kienu prezenti s-Sindku u l-Kunsillieri Valerie Borg, Peter Buontempo, Mario Camenzuli u Vince Farrugia.

Il-Vici Sindku kien imsiefer fuq xoghol tal-Kunsill filwaqt li l-Kunsillier Azzopardi informa li kien xoghol.

**TALBA**

Is-Sindku qal it-talba.

**MINUTI**

Il-minuti tas-Seduta Nru. 20 li saret nhar l-Erbgha, 24 ta' Gunju, 2009 kienu konfermati.

**KORRISPONDENZA**

Inqraw l-ittri l-aktar rilevanti.

- Il-Kunsill ircieva proposta minghand Flimkien ghal Ambjent Ahjar biex ikun kopartecipi ta' kompetizzjoni li ser tigi organizzata flimkien mad-Dipartiment ta' l-Arkitettura ta' l-Universita` bl-iskop li jsir progett li joffri proposti ghal titjib fil-faccati tal-hwienet ta' Triq ir-Repubblika. Il-Kunsill qabel fil-principju izda jrid aktar informazzjoni fosthom kopja tal-*brief* ta' dan l-award.

- Il-Kunsill qabel li jipprovdi 400 siggu ghal attivita' kulturali li ser issir mill-King's Own fl-okkazzjoni tal-festa ta' San Duminku;

- Il-Kunsill laqa' t-talba ta' Francis J. Vassallo & Associates biex issir yellow bay quddiem bieb nru.82, Triq San Pawl li gie konvertit f'garage u li ghandu wkoll il-permess tal-MEPA. Kien hemm qbil ukoll li jitnehha l-parkegg riservat li hemm fl-istess triq u li kien jintuza mill-Unione Cattolica San Giuseppe;

- Il-Kunsillier Borg ressqet ittra quddiem il-Kunsill, liema ittra hija anonima u m'ghandha l-ebda indikazzjoni minghand min intbghatet. Hija l-policy tal-Kunsill li ittri mibghuta b'dan il-mod jigu distrutti;

**KOMUNIKAZZJONI TAS-SINDKU**

***Ftehim dwar il-Gnien Hastings***
Is-Sindku ressaq quddiem il-Kunsill kopja tal-ftehim dwar il-Gnien Hastings mal-kumpanija Busy Bee. Il-Kunsill unanimament approva dan il-ftehim.

***Bye-law dwar il-faccati u hwienet maghluqin bil-bibien miftuha***
Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kienet qed tigi preparata bye-law biex jinzammu l-faccati tal-bini fi stat tajjeb indaf u bla periklu u biex hwienet li jkunu abbandunati, ma jithallewx bil-bibien miftuha bil-konsegwenza li jintlew kollha skart.

Il-Kunsillier Borg qalet li l-bye-law dwar il-faccati ghandha tkun biss dwar il-periklu li jikkawzaw u mhux dwar it-tindif.

Kien hemm qbil li din tigi diskussa fid-dettall aktar 'il quddiem.

**TMIEM**

Fis-6.00pm intemmet is-Seduta.

Simon Cauchi
Segretarju Ezekuttiv

**Konfermati:**

Alexiei Dingli
Sindku